MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2009

Numru. 92/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Piju Grech ta’ 34 sena, bin Emanuel u Carmen nee’ Vella, imwieled Vittorja, nhar il-4 ta’ Frar 1973 u residenti fil-fond numru ‘Home Sweet Home’, Triq l-Isqof Buttigieg, Nadur, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 4773(G).**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Piju Grech li jinsab akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar it-30 ta’ Ottubru 2007, ghal habta tas-sebgha ta’ filghaxija (1900hrs), gewwa Triq ix-Xabbata, Sannat Ghawdex:-

a) talli bil-hsieb li jisraq minn gewwa il-hanut maghruf bhala Marsilja Store, Sannat, ghad-detriment ta’ Francis Mizzi wera dan il-hsieb b’atti esterni billi ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, mezz, lok u bil-hin, dan bi ksur tal-Artikolu 261 (a), (b), (e) u (f);

b) ukoll talli bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekkwestra li xi persuna, u cioe’ lill Pawla Francis Mizzi u lil Paola Vella kontra l-volonta’ taghha u/jew taghha l-post biex fih din il-persuna giet arrestata, mizmuma jew issekkwestrata, ihallas dejn, jew jesegwi xi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew b’xi mod iehor, kontra il-ligi, jindahal fi hwejjeg hadd iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 85 u 86 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) ukoll talli fl-istess hin, data u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ Francis Mizzi u Paola Vella skond ma ccertifika t-tabib Dr. Saliba MD, fejn Paola Vella hija persuna ta’ aktar minn 61 sena;

d) ukoll talli uza vjolenza sabiex igeghlu lil Francis Mizzi u Paola Vella jaghmlu xi haga, jhalli issir, jew jonqos milli jaghmel xi haga;

e) kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, huwa zamm u garr xi strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

f) ukoll talli fl-istess data, hin u cirkustanzi fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra il-persuna ta’ Francis Vella u Paola Mizzi kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, immitazzjoni ta’ arma tan-nar jew immitazzjoni ta’ arma regolari bi ksur tal-Kap 480;

g) fl-istess data, hin u cirkustanzi ghedded serjament lil Francis Mizzi u Paola Vella b’arma bi ksur tal-Artikolu 338 tal-Kap 9;

h) u aktar talli fl-istess post, data u hin, kiser il-bon ordni u paci pubblika, b'ghajjat, u storbju, kif ukoll dagha u kliem fahxi;

i) talli nhar il-31 ta' Ottubru, 2007 ghal habta ta' l-erbgha ta' wara nofsinhar (1600) gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat (Ghawdex), bil-hsieb li jaghmel hsara lil PS1464 Michael Portelli, PC883 Paul Azzopardi u PC1371 Alfred Grech, akkuza lil dawn il-persuni quddiem awtorita kompetenti b'reat, fil-waqt li kien jaf li dawk il-persuni huma innocenti ukoll iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar ai termini tal-artikoli 101 u 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

j) u aktar talli fl-istess data, hin u cirkustanzi kiser il-bon ordni u paci pubblika, b'ghajjat, u storbju, kif ukoll dagha u kliem fahxi.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali tal-25 ta' Mejju 2007;

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi itrattat bil-procedura sommarja;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat principalment fuq attentat ta' serq minn gewwa il-hanut Marsilja Store fis-Sannat, Ghawdex liema attentat ta' serq huwa aggravat bil-vjolenza, mezz, lok u bil-hin. Illi mill-provi migjuba mill-prosekuzzjoni, jirrizulta illi fil-gurnata in kwistjoni ghal habta tas-sebgha ta' fil-ghaxija, l-imputat hareg bil-karozza ma' martu Janet Grech. Kienet martu li kienet qed issuq il-vettura. Kif wasslu vicin il-hanut in kwistjoni, l-imputat talab lil martu tieqaf sabiex imur jixtri xi haga

zghira mill-hanut. Hija baqghet tistennieh fil-karozza. L-imputat dahal fil-hanut, libes balaklava u hareg mus li kellu fuqu, u hemmhekk huwa ipprova jikkometti serq billi hareg sikkina jew mus u hedded lil mara anzjana li kienet hdejn il-cash, certu Paola Vella  u talabha il-flus li kellha, izda in-neputija taghha certu Frances Vella bdiet tghajjat u ghalhekk huwa beza' u hareg jigri 'il barra mill-hanut. Martu li kienet qed tistennieh barra saqet il-karozza ghal warajh hekk kif ratu hiereg jigri mill-hanut, huwa rikeb fil-vettura u harab minn fuq il-post. Dana kollu huwa ikkonfermat minn mart l-imputat. Oltre dan mil-provi migjuba mill-prosekuzzjoni fosthom recording minn *CCTV camera* barra l-istabbiliment juri proprju dawn il-movimenti ta' persuna kif deskritta minn mart l-imputat. Anke l-abbiljament fosthom gakketta u arlogg jaqblu perfettament mal-istess arlogg u gakketta li kien libes l-imputat. (Il-gakketta u l-arlogg gew esebieti fl-atti tal-kawza bhala Dokumenti PG7 u PG8). Illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat stess jammetti l-involviment tieghu fil-kummissjoni ta' dana ir-reat jew fit-tentattiv tieghu sabiex jikkometti dina is-serqa. (ara stqarrija – Dokument PG5 a fol.21,22 tal-process). Illi mill-istqarrija tal-imputat stess irrizulta ukoll illi huwa uza mus li permezz tieghu huwa hedded u bezza' lil dawn iz-zewg nisa filwaqt illi huwa kien qieghed jikkometti dana it-tentattiv ta' serq. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju dwar l-involviment tal-imputat fil-kummissjoni ta'dana ir-reat.

Illi f'dana l-incident jidher illi Paola Vella sofriet xi griehi ta' natura hafifa, filwaqt illi Frances Vella kienet qed tbati minn qatgha kbira. (ara xhieda ta' Dr. Mario Saliba).  Illi Paola Vella hija mara anzjana, li f'dak iz-zmien kellha madwar 77 sena. (ara certifikat esebiet a fol.23). Jirrizulta illi l-imputat tefaghha mal-art hekk kif hija bidet tghajjat ghall-ghajjut. Illi x-xhud issostni illi hija ghadha qed tbati mill-ugigh f'gisimha minhabba f'dan.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet ma hemmx dubbju illi l-ewwel tmien akkuzi jirrizultaw ippruvati.

Illi finalment l-imputat jinsab ukoll akkuzat bir-reati ikkontemplati fl-artikoli 101 u 110(2) tal-Kodici Kriminali u cioe’ ir-reati tal-kalumnja u dik tas-simulazzjoni tar-reat.

Illi ir-reat tal-kalumnja isehh meta persuna taghti informazzjoni, jew taghmel rapport kemm bil-fomm jew bil-miktub. Kif ighid il-Professur Mamo: “such crime is completed by the mere presentation of the information report or complaint to the competent authority”. Kif gie deciz imbaghad f’sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Vincenzo Attard (Appelli Kriminali 7/1/1949):
“Biex ikun hemm ir-reat ta’ falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew konravvenzjoni li jaghtu lok ghal azzjoni kriminali persegwibbli quddiem il-Qorti ta’ Gustizzja Kriminali.”

Ukoll f’sentenza ohra Il-Pulizija vs Joseph Seychell (17/10/1997 Appelli Kriminali) gie deciz: “L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita kompetenti, jigifieri awtorita’ li ghandha is-setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat.”

Finalment f’decizjoni ohra tal-Qorti tal-Appelli Kriminali inghad is-segwenti:
“Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta’ kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b’reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kenitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut, wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta’ dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel.” (The Police vs Doreen Zammit – 15/06/2001)

Ghar-rigward tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2), ghandu jinghad illi dina d-disposizzjoni tal-ligi giet mizjuda fil-kodici taghna permezz tal-Ordinanza IX of 1911 li

kienet giet imfassla fuq l-artikolu 211 tal-Kodici Taljan tal-1889. Il-Professur Mamo ighid hekk:

“The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertain an imaginary fact. … This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged … The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. … Finally the <u>denunciation must be made without specifying the supposed offender</u>; otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation.”

F’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs David Mizzi (16/02/1998) gie deciz:
“Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta’ reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f’simulazzjoni reali jew indiretta u f’simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunjza lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta’ dan ir-reat hu l-konsapevolezza tal-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx.”

Illi maghmula dina l-esposizzjoni tal-gurisprudenza marbuta ma' dawn ir-reati ghandu jinghad illi mill-provi migjuba quddiem il-Qorti dawn ir-reati allegatament sehhew filwaqt illi l-imputat kien qieghed jigi interrogat fl-ghassa tal-pulizija u dana in konnessjoni mal-allegata serqa li dwarha jinsab akkuzat ukoll f'dawn il-proceduri. Irrizulta mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur kif ukoll tal-ufficjali l-ohra tal-pulizija li kienu presenti, illi l-imputat beda jallega illi kien hemm pulizija tac-CID li kellu relazzjoni sesswali ma' mara ta' traffikant tad-drogi. Ma jirrizultax madankollu illi l-imputat f'xi hin semma min hu dana l-pulizija ghalkemm is-surgent Michael Portelli fix-xhieda tieghu ighid illi huwa gie mgharraf illi l-imputat kien qieghed jaghmel referenza ghalih. Inoltre irrizulta wkoll illi fil-waqt illi huwa kien qed jaghmel dawn l-affermazzjonijiet huwa beda jaghtih qamar il-lejl, probabbilment konsegwenza tal-vizzju tieghu tad-droga. Ghalhekk qabel xejn ghandu jinghad illi l-Qorti ftit li xejn tista' taghti pis ghal dak li kien qieghed ighid l-imputat f'dana il-mument. Inoltre irrizulta mix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija li kienu prezenti illi l-imputat ma semma lill-ebda ufficjal tal-pulizija b'ismu u lanqas jidher illi huwa kien qieghed b'mod formali jaghmel xi rapport jew iressaq xi ilment f'dana ir-rigward. Illi provi ohra fl-atti processwali ghar-rigward ta' dina l-akkuza ma hemmx u ghaldaqstant ma hemmx bizzejjed evidenza li tista' twassal ghal sejbien ta' htija in konnessjoni mal-istess. Jidher illi minhabba l-istat mentali li kien jinsab fih f'dak il-mument, l-imputat beda ifajjar hafna allegazzjonijiet sabiex jipprova jiskolpa lilu innifsu. Fl-ebda hin huwa ma kien qed jaghmel xi rapport formali. Fl-ebda hin ma kien qed johloq xi tracci materjali ta' reat. Fl-ebda mument ma jidher illi semma xi ufficjal tal-pulizija b'ismu. Fl-ebda hin lanqas ma kien qieghed jallega illi kien hemm xi reat li tali ufficjal tal-pulizija kien qieghed jikkometti ghajr li allega illi dana l-ufficjal kien qed ikollu relazzjonijiet sesswali ma' mart traffikant tad-droga. Haga li certament ma tikkostitwixxi l-ebda offiza fil-ligi penali taghna. Ma jidhirx illi huwa ghamel xi rapport illi dana l-ufficjal tal-pulizija kien qieghed jinxtara minn dawna in-nies jew xi allegazzjoni ohra ta' korruzzjoni. Ghaldaqstant dina l-akkuza ma tirrizultax ippruvata u l-imputat ser jigi liberat mill-istess

Illi ghar-rigward tal-akkuzi bl-ittri “e” u “f” hawnhekk hawn l-applikazzjoni tal-artikolu 17h tal-Kodici Kriminali u dana peress illi l-uzu tal-arma fil-kummissjoni tar-reat intuzat bhala mezz biex isir r-reat tal-attentat tas-serq ikkwalifikat u ghalhekk il-Qorti ser taghti biss il-piena ghar-reat l-iktar gravi u cioe’ ghar-reat tal-attentat tas-serq kif ikkwalifikat.

Illi finalment l-akkuzi tal-ksur tal-bon ordni kemm meta l-imputat kien qieghed jikkometti l-attentat tas-serq kif ukoll gewwa l-ghassa tal-pulizija huma ukoll ippruvati ampjament mill-atti processwali.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti ma tistax tinjora l-problema li ghandu l-imputat u cioe’ il-vizzju tad-droga, liema vizzju jidher ilu maqbud fih ghal numru ta’ snin. Dana huwa rifless fil-fedina penali tieghu fejn l-imputat jidher illi diga gie ikkundannat mill-qrati taghna ghar-rigward ta’ akkuzi ta’ serq kif ukoll akkuzi ohra konnessi mal-vizzju tieghu tad-droga. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi l-imputat, li illum huwa ragel mizzewweg u bil-familja ghandu jifhem illi issa wasal iz-zmien sabiex huwa jaghmel l-almu tieghu halli jipprova jeghleb dana il-vizzju u dana ghal gid tieghu, izda fuq kollox ghal gid tal-familja tieghu. Il-Qorti ghalhekk sejra tinfliggi piena karcerarja effettiva bit-tama illi l-awtoritajiet tal-Habs ighinu lill-imputat sabiex jibda jsegwi program ghar-riabilitazzjoni minn dana il-vizzju qerriedi.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 41(1)(a) 261(a)(b)(e)(f), 276, 278, 281, 85, 86, 221, 338(dd), 339(1)(e), 342, 17(h) u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 6, 51 u 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-akkuza li iggib l-ittra “l”, issibu hati tal-kumplament tal-akkuzi migjuba fil-konfornt tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta’ tmintax (18)-il xahar prigunerija.

Il-Qorti tordna komunika ta’ dina s-sentenza lid-Direttur tal-Habs.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------